MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Numru. 719/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Carmela Flores**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Carmela Flores ta' 47 sena, bint il-mejtin Samson Zammit u Victoria nee' Coleiro, imwielda Albert Town, il-Marsa fil-21 ta' Marzu, 1957 u residenti fil-fond : Nru. 109, Flt 1, Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid u detentrici

tal-karta tal-identita' numru 0248757(M) gie mressaq quddiemaha akkuzat talli :

1. Nhar il-31 t' Awwissu, 2004, ghal habta tad-9.00 ta' filghaxija, gewwa l-kazin tal-banda De Paule, Rahal Gdid, ikkawzat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rita Grech, liema ferita ggib mankament jew sfreccju f' wicc il-vittma, skond kif iccertifikat minn Dr. Anthony Xuereb M.D. mic-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-artiklu 216 (1) b tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Barra minn dan akkuzata wkoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament kisret il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b' ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artiklu. 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. W aktar akkuzati talli fl-istess cirkustanzi qalet kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal-artiklu 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' Settembru 2004 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2004 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda glieda li nqalghet bejn l-imputata u l-allegata vittma Rita Grech fil-31 ta' Awwissu 2004 ghall-habta tas-1.00pm fil-kazin tal-banda De Paule, f'Rahal il-

Gdid. Mill-provi rrizulta li Rita Grech sofriet griehi f'wiccha li fic-certifikat mediku esebit a fol. 18 tal-process gew klassifikati bhala gravi peress li kienu fil-wicc u tirrizulta wkoll mix-xhieda tat-tabib li rrilaxxja l-imsemmi certifikat mediku li dawn il-griehi kienu kumpatibbli ma griehi kawzati b'strument jew oggett li jaqta'.

L-allegata vittma Rita Grech xehdet fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2004 fejn qalet li dakinhar tal-incident hija rat lill-imputata diehla fil-kazin tal-banda De Paule, gewwa Rahal il-Gdid u peress li kellha suspetti li zewgha kien f'relazzjoni mal-imputata ddecidiet li tmur il-kazin sabiex tara kienx hemm zewgha wkoll. Meta dahlet fil-kazin rat lil zewgha jilghab bl-amusement machine, ratu jhares lejn l-arlogg u jaghmel sinjal lill-imputata b'rasu. Din tal-ahhar marret hdejh bit-tazza f'idejha u bdew jitkellmu. Rita Grech tghid li malli rat hekk hija marret fuq l-imputata gibditilha xaharha u nizlitilha rasha mal-art. Grech tghid li ghamlet hekk ghaliex kienet ilha tghid lill-imputata sabiex thalli lir-ragel taghha bi kwietu. Hija tghid li dak il-hin hasset tazza ma mohha u daqqiet ta' ponn u tghid li kien ir-ragel taghha li beda jsawwatha. Grech tkompli tghid li hija qamet u kien hemm ragel li beda jzomm lir-ragel taghha waqt li dan tal-ahhar qalilha li ser jaqbad jaghtiha. Hija bdiet tisstordi u rat id-demm ma wiccha u fuq hwejjigha u marret il-policlinic wahidha. Rita Grech tispjega li kienet ilha mizzewga 34 sena u tghid li r-ragel taghha ilu madwar 24 sena imur ma nisa ohrajn. Rita Grech qalet li meta marret fuq l-imputata din tal-ahhar kellha tazza f'idejha u l-ewwel qalet li l-imputata ma kienitx sawtitha izda wara qalet li xtaqet tibdel il-verzjoni u sostniet li meta l-imputata kellha rasha mal-art ghaliex hija kienet qabditha minn xagharha ratha tgholli idejha u taghtiha daqqa f'rasha. Rita Grech qalet li kienet certa li kienet l-imputata li tatha daqqa f'rasha ghaliex kienet hi li kellha tazza f'idejha u mhux zewgha, u cioe' Lawrence Grech.

David Caruana li xehed fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2005 qal li huwa kien qieghed il-kazin meta sema' l-ghajjat u ra zewg nisa jiggieldu. Huwa qal li n-nisa ma kienx jafhom izda identifikhom bhala l-imputata u l-parti civili li kienu fl-

awla waqt li huwa kien qed jixhed. Huwa qal li rahom mal-art izda ma ra lil hadd minnhom b'xi tazza f'idejha u l-anqas ma ra hgieg imkisser mal-art. Giuseppe Boffa li wkoll xehed fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2005 qal li kien il-kazin qed jiehu drink meta sema' t-twerziq u l-ghajjat u ra zewg nisa imqabbdin f'xulxin li kienu l-imputata u l-parti civili. Huwa qal li rahom jigbdu xaghar xulxin izda spjega li ma rax oggetti f'idejn hadd minnhom u l-anqas ra hgieg imkisser mal-art. Dan ix-xhud qal li sema' lil parti civili tghajjar lil certu wiehed jismu Lorry li kunjomu ma jafux. Din il-verzjoni giet korroborata wkoll minn Dr. Ray Busuttil li kien qed jiehu drink mal-imsemmija David Caruana u Giuseppe Boffa. Dan ix-xhud ukoll sostna li waqt il-glieda ma ra lil hadd miz-zewg nisa juza xi oggett sabiex isawwat lill-ohra bih izda jghid ukoll li waqt il-glieda sema' hoss ta' hgieg jaqa' mal-art u haseb li setghat waqghet xi tazza minn fuq il-mejda ghal mal-art. Dan ix-xhud ikkonferma li wara l-glieda ra lil parti civili feruta bid-demm ma wiccha.

Lawrence Grech ir-ragel tal-parti civili xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2006 fejn qal li lill-imputata kien jafha ghaliex kienet tigi ma zewgha fil-kazin tal-banda fejn inqala' l-incident. Huwa qal li dakinhar tal-incident kien qed jilghab bl-amusement machine meta sema l-ghajjat u dar u ra lil martu imqabbda fl-imputata u huwa mar sabiex iferraq liz-zewg nisa. Huwa qal li ma ra ebda oggett la f'idejn martu u l-anqas f'idejn l-imputata waqt il-glieda u kkonferma li vicin tieghu kien hemm mejda.

L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva insertia a fol. 60 sa 61 tal-process) fejn qalet li dakinhar tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza kienet il-kazin qed tiehu drink meta ghajjtilha certu Lorry Grech li kienet tafu minn wiccu ghaliex kien ikun il-kazin u hija marret hdejh halli tara xi jrid u halliet it-tazza taghha fuq mejda man-naha tal-lemin taghha, liema mejda kien fiha xi fliexken fuqha. L-imputata tghid li f'daqqa wahda hasset xi hadd jigbidha minn xagharha, bdiet taqla' d-daqqiet go rasha u fil-kozz ta' ghonqa u waqghet mal-art b'Rita Grech fuqha. L-imputata tispjega li

Lorry Grech nehha xagharha minn idejn il-parti civili u imbaghad hija qamet minn mal-art u marret l-Ghassa taghmel rapport. L-imputata spjegat li lil Rita Grech ma kienitx tafha qabel izda qalet li din kienet ghamlet habtha tigri warajha u hija fil-fatt kienet ghamlet rapporti lil Pulizija f'dan is-sens. Hija cahdet li kellha xi relazzjoni ma Lawrence Grech. Din il-verzjoni kienet l-istess verzjoni moghtija mill-imputata meta rrilaxxjat l-istqarrija esebita a fol. 20 tal-process.

Ikkunsidrat:

Illi mill-esposizzjoni tal-fatti li saret fil-paragrafi precedenti jirrizulta biss b'certezza li kienet il-parti civili Rita Grech li aggrediet lill-imputata u li wara l-glieda il-parti ciivili kellha d-demm ma wiccha. Min-naha l-ohra hemm incertezza sostanzjali dwar kif u min ikkawza il-griehi li kellha f'wiccha Rita Grech. Hadd mix-xhieda okulari ma jghid li ra lill-imputata ixxejjer lejn jew tolqot lil Rita Grech f'wiccha b'tazza jew b'xi oggett iehor jaqta'. Del resto l-istess parti civili Rita Grech tat verzjoni konfliggenti dwar dak li kien gara ghaliex l-ewwel qalet li l-imputata ma sawtithiex izda imbaghad f'daqqa wahda bidlet il-verzjoni u qalet li waqt li l-imputata kienet mal-art ratha tgholli idejha bit-tazza f'idejha u tolqotha f'rasha. L-istess Rita Grech tammetti li kienet hi li aggrediet lill-imputata u tghid ukoll li r-ragel taghha Lawrence Grech kien qed isawwatha.

Il-Qorti ghalhekk issib certu diffikolta' li temmen il-verzjoni tal-fatti kif korretta moghtija minn Rita Grech u hemm kunflitt evidenti ta' provi liema kunflitt ghandu jimmilita favur l-imputata. Una volta li jezisti dubju ragonevoli dwar min u kif setghu gew kawzati l-feriti f'wicc Rita Grech il-Qorti ma tistghax issib lill-imputata hatja tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel(1) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk l-imputata qed tigi liberata minn dawn l-akkuzi.

Permezz tat-tieni(2) akkuza l-imputata giet akkuzata bil-kontravenzjoni ta' ksur ta' paci pubblika b'ghajjat u glied kontemplat fl-Artikolu 338(dd) liema akkuza giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li jirrizulta mix-xhieda okulari kollha li xehdu f'dawn il-proceduri li z-zewg nisa kienu qed jiggieldu u li kien hemm storbju, ghajjat u glied. L-imputata qeda ghalhekk tinstab hatja tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-ewwe(1) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi u wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha ammenda ta' sitta u hamsin Ewro (€56).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------